MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Numru 755/1999

**Il-Pulizija**
(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)
**vs**
**Jean Karl Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jean Karl Farrugia ta’ 28 sena bin Publius Paul u Rosemarie nee’ Farrugia, imwieled Sliema nhar il-25 ta’ Mejju 1975 u residenti gewwa “The Ridge” Triq Juan B. Azzopardo, Birguma, Naxxar u detentur tal –281175 (M).

Talli:

Bejn il-15 ta' Lulju 1999 u t-30 t' Awwissu 1999, f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji , jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta Lm 1530 ghad-dannu ta' Petroni Ltd u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezjonax li il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l- akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 308 u 310 (1), kif wkoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artiklu stante il-kondotta nadifa ta' l-akkuzat.

Ghalhekk filwaqt li ssibu hati tilliberah that il-provediment ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum.

Il-Qorti qed tfisser l-import ta' din is-sentenza lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------